**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju, 2002**

**Numru 23**

**Avviz. numru 317/02JR**

**Marco Aquilina**

**vs**

**Jason Baldacchino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fit-12 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmien liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm208.21), u fejn intqal:**

**Illi din hija l-istanza ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' mitejn u tmien liri wiehed u ghoxrin centezmu (Lm208.21) sborsati mill-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Hal Qormi fit-13 ta' Frar, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. IAS-162 habat mal-**

**vettura Nru. DAR-272 propjeta` ta' l-attur u misjuqa minn Joseph Aquilina, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;**

**Oltre d-danni attrici, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-14 ta' Gunju, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar, 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien ma' l-imghax legali mis-17 ta' Jannar, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Marzu, 2002, fejn intqal:**

**Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sarx tort ta' l-eccipjent, izda b'tort ta' Joseph Aquilina, is-sewwieq tal-vettura numru DAR-272 minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess sewwieq, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghandux ihallas ebda danni;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Aquilina, PS364 Joseph Mangani, Jason Baldacchino u Nicholas Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

Ikkunsidra:

1. **Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-13 ta' Frar, 2001, fi Triq il-Helsien, Hal Qormi, bejn il-vettura DAR-272 misjuqa minn Joseph Aquilina u proprjeta` ta' Marco Aquilina, u l-vettura IAS-162 misjuqa mill-konvenut.**

2. **L-incident gara f'kurva.**

3. **Skond Joseph Aquilina, hu kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug u kien fuq ix-xellug vicin tal-bankina. Meta wasal fil-kisra ra lill-konvenut gej fuq il-mein tieghu, u dana bir-rota ta' wara tal-lemin laqtu fuq l-indicator, mudguard ta' quddiem u mera tal-lemin tieghu. L-attur jghid li meta grat il-habta hu kien wieqaf.**

4. **Il-konvenut Jason Baldacchino qed jaghti versjoni ohra tal-fatt. Huwa jghid li l-attur kien gej "gas down" xkanat isuq fin-nofs tat-triq. Dwar dan il-punt it-Tribunal jinnota li dan mhux minnhu, ghax mix-xhieda tas-Surgent ma jirrizultax li kien hemm impatt qawwi, apparti li ma jirrizultax li l-attur kien qed isuq fin-nofs tat-triq kif allegat. Li kieku kien kif qed jallega l-attur in-natura tad-danni kienet tkun ferm differenti minn dawk li attwalment kien hemm. Ma jirrizultax li l-attur kien ghaddej b'velocita kif allegat, tant li hu kien wieqaf mal-habta.**

**5. Inoltre il-konvenut jallega li l-attur ma waqafx mal-habta. Dan lanqas huwa minnhu. Fil-fatt hu ferm probabbli mix-xhieda mismugha li fil-fatt l-attur kien wieqaf meta grat il-habta.**

**6. It-Tribunal hu tal-fehma li l-versjoni li qed jaghti l-konvenut mhix kredibbli, lanqas minimament.**

**7. Ghalhekk jirrizulta li fil-fatt l-incident sehh meta l-konvenut b'negligenza, kien qabez il-linja medjana fil-kurva, u bir-rota ta' wara laqat lill-attur fuq quddiem. Jirrizulta li l-attur waqaf meta ra lill-konvenut gej ghall-fuqu. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni huwa unikament responsabbli l-konvenut.**

**8. Bhala danni l-ammont reklamat mill-attur jirrizulta mid-Dokumenti C, D, E u F esebiti, u l-attur sewwa skond is-survey Dok.D maghmul mis-surveyor Peter Bonnici. Id-danni kienu jammontaw ghall-mitejn u tmien liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm208.21).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u peress illi ghall-incident de quo kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn**

**u tmien liri Maltin, bl-imghax legali mis-17 ta' Jannar, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-14 ta' Gunju, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar, 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**